TARXIEN

Il- laqgħa Nru 49/06 tas-Sitt Leġislatura 2008-2013
**saret nhar**
**l-Erbgħa 26 ta' Settembru 2012 fil-5.30pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi**
**f'73, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien**

**Preżenti għal-Laqgħa:**

| | |
|---|---|
| Kav. P. Farrugia KLJ CMLJ | Sindku |
| Is-Sur F. Agius | Viċi Sindku |
| Is-Sinj. D. Vella | Kunsilliera |
| Is-Sur K. Darmanin | Kunsillier |
| Is-Sur C. Lanzon | Kunsilliera |
| Is-Sinj. L. Bonavia | Kunsillier |
| Is-Sur I. Dalli | Kunsillier |
| Is-Sur F. Chircop | A/ Segr. Eżekuttiv |

**Skużat/a:-**

Aġenda:-

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti.
2. Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż korrispondenza)
3. Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Hlasijiet.
4. Tender – Photo Voltaic Panels (Adj. Board – ERDF213-2A)
5. Kwotazzjoni – ERDF 213-2B (Siġar taż-żebbug)
6. Kwotazzjoni-ERDF 213-2C/2D (DVD)
7. Approvazzjoni tat-Tender TLC 007/2012-Resurfacing
8. Rapport mill-Kunsilliera
9. Ħwejjeħ oħra.

IS-SINDKU QAL IT-TALBA U PPRESIEDA L-LAQGĦA

1 ***Qari u Approvazzjoni tal-Minuti***

Il-Minuti tal-laqgħa tas-seduta 48 ittieħdu bħala moqrija peress li ġew ċirkulati minn qabel.Wara li l-minuti ġew approvati unanimament, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mill- Aġent Segretarju Eżekuttiv is-Sur Frans Chircop.

Approvazzjoni tal-minuti

Il-laqgħa bdiet fis-5.30pm.

2 ***Komunikazzjoni mis-Sindku (inkluż korrispondenza)***

Komunikazzjoni u korrispondenza.

Is-Sindku Paul Farrugia beda biex spjega l-minuti tal-laqgħa preċedenti. Huwa qal li x-xogħol fuq il-proġett tal-ERDF tlesta ħafna minnu pero għandna li-inkwiet biex jinħareġ il-permess mil-MEPA għall-pavimentar tal-bankina ta'quddien il-lattrina kif ukoll tiġi ordnata l-gazeba għall-nofs il-ġnien tal-injam f'nofs il-ġnien. Rigward din il-bankina s-Sindku Paul Farrugia kompla jispjega li l-Kunsill għadu qiegħed jistenna l-permess tal-Mepa li skont huma, dan il-post għandu importanza arkeoloġika. Is-Sindku kompla jispjega li l-bankina l-oħra fi Triq Santa Marija tlestiet; ta' fejn it-tempju għax il-permess ilu li ħareġ – pero l-bankina fejn ir-residenti ma' tistgħax titkompla minħabba li għadna qed nistennew il-permess tat-TM.

Xogħolijiet f'Ħal Tarxien.

Is-Sindku Paul Farrugia kompla jisħaq li ma' jistax jifhem kif din l-bankina hija ta' importanza arkejoloġika filwaqt li bankina direttament ma ġenb it-tempji m'għandiex importanza arkejoloġika. Għaldaqstant huwa kompla jgħid li kiteb liċ-Chairman tal-MEPA biex jinvestiga l-każ ħalli forsi jitħaffef il-proċess. Rigward dan ix-xogħol, is-Sindku kompla jispjega li kif ikun lest il-pavimentar ta' quddiem iċ-ċimiterju jibdew jitwaħħlu l-fanali, l-gazebo u l-kumplament tal-affarijiet li baqa' jsiru biex nikkonkludu dan il-proġett. Hawnhekk il-Kunsillier Lawrence Bonavia ssuġġerixxa li jsir WIFI fejn il-Gazebo għall-użu tan-nies. Is-Sindku qabel ma' dan u ser jiċċekkja jekk is-servizz preżenti mill-5-A-side Pitch ilaħħaqx sa hemm billi mhux daqshekk il-bogħod.

Rigward il-pagamenti fuq l-istess proġett, il-perit tal-Kunsill qal li għadda l-aħħar kejt ta' xogħol li sar lill -Kunsill bil-posta pero bħala Kunsill għandna ma' rċevejna xejn. Is-Sindku spjega wkoll li l-perit qal li x-xogħol tal-proġett qiegħed jaqa' lura, qal ukoll li l-ħlasijiet lis-*sub contractors* tiegħu għandhom jitħallsu.

Rigward ix-xogħol fuq Luqa Road is-Sindku flimkien mall-kuntrattur marru fuq il-post biex jieħu l-kejl u suppost dalwaqt għandu jinbeda x-xogħol.

Fuq ix-xelter tal-Gwerra – s-Sindku Paul Farrugia qal li l-MEPA ma' approvawx sistema tal-ventilazzjoni għax għandhom bżonn rapport ieħor mingħand engineer indipendenti ieħor – barra dak li ġa qabbad il-Kunsill. Is-Sindku qal li għandna bżonn nirranġaw il-ħĠiega tal-entratura tax-xelter għax inqala' is-sealer kollu.

Fuq xogħol ta' resurfacing ġewwa Ħal Tarxien wara li bdejna naħdmu ġejna nfurmati mit-TM li ma'kienx hemm biżżejjed tabelli bħala traffic managment fit-toroq minħabba x-xogħol u għaldaqstant kellu jieqaf ix-xogħol. Wara li sar rimedju tat-tabelli u twaħħal kollox kif suppost, il-Kunsill ingħata l-permess tal-emerġenza biex ikun jista' jitkompla x-xogħol. Pero, ġara li kellu jerġa' jieqaf ix-xogħol għax bil-permess tal-emerġenza ma' jkoprix ix-xogħol fuq tlitt toroq. Għaldaqstant il-Kunsill spiċċa bil-permess ta' xogħol wieħed biss sa issa. Kif beda jaħdem il-kuntrattur, mal-ewwel laqgħat il-main tal-ilma għax kien biss żewġ pulzieri l-isfel mill-wiċċ tat-triq. Hawnhekk is-Sindku Paul Farrugia wera ritratti li ħa fejn juru biċ-ċar li l-main kien eżattament taħt il-wiċċ tat-triq. Is-Sindku kompla jgħid li matul dan ix-xogħol kien hemm saħansitra preżenti il-foreman tal-WSC li kellem l-engineer Saviour Baldacchino. Madankollu, xorta waħda intbgħat il-kont tal-ħsara lill kuntrattur għas-somma kwazi tlaħħaq mal-elf ewro. Billi s-Sindku kien preżenti meta ġara dan l-inċident, huwa kompla jispjega li ntbgħatet ittra lill WSC flimkien mar-ritratti li juru l-pajp tal-main eżattament taħt il-wiċċ tat-triq.

Xogħol fuq it-Toroq (PPP).

Wara dan l-inċident, is-Sindku kompla jispjega li billi l-kuntrattur weħel dawn l-ispejjeż żejda meta fil-fatt kien il-kuntrattur stess li sewwa l-ħsara tal-WSC għax il-main kien litteralment fil-wiċċ tat-triq qal li l-kuntrattur xtaq li ma' jkollux x'jaqsam aktar mal-WSC. Dan fid-dawl li bħala kuntrattur kellu ammont sostanzjali ta' flus li għandu jieħu mingħand l-istess korporazzjoni tal-WSC. Wara laqgħa li saret bejn il-kuntrattur, is-Sindku Paul Farrugia flimkien mall-Perita tal-WSC, ħareġ li bħala korporazzjoni bħalissa m'għandhomx kuntratturi available li jistgħu jkomplu jgħamlu x-xogħol ta'tibdil tal-mains tal-ilma f'din l-imsemmija triq. F'dan ir-rigward Jimmy Vella (il-kuntrattur tar-resurfacing) intalab biex jwettaq ix-xogħol huwa stess. Il-kuntrattur qal li huwa lest li jgħamel ix-xogħol, pero jixtieq li jitħallas mingħand il-Kunsill direttament u mhux mill-WSC. Għaldaqstant saret talba biex jitħallas direttament mingħand il-Kunsill u l-Kunsill jiġi rifuż l-istess ammont mingħand il-WSC. Dan peress li x-xogħol inkwistjoni huwa kollu *extra works* li mhux imniżżlin fit-tender tal-PPP. Għaldaqstant il-Kunsill qiegħed jistenna risposta mingħand il-WSC fuq dan ir-rigward.

Rigward ix-xogħol fuq il-bandli f.Misraħ Bulebel – s-Sindku qal li tlesta x-xogħol kollu.

L-eks segretarju tħallas ta'kollox.

Fuq il-kas tal-eks segretarju, s-Sindku nforma lill Kunsill li dan kien tħallas kollox kif kien rakkommandat mill-Ombudsman. Pero kompla jgħid is-Sindku li dan reġa' kiteb lill Kunsill biex jingħata spjegazzjoni għaliex kien tħallas nofs il-performance bonus – jigifieri 5% u mhux il-massimu ta'10%. Huwa tħallas l-ammont maqbul fil-Kunsill kif isir ta' kull sena fir-rigward tal-performance bonus li jiġi approvat mill-kunsilliera stess.

Sinjali ta' Merħba f' Ħal Tarxien..

Is-Sindku qal li meta twaħħlu t-tabelli tal-"Merħba" fil-lokalita ta' Ħal Tarxien li huma sponsorjati mill-HSBC, kien hemm tabella li ġiet akbar mill-oħrajn. Residenta maġenb l-istess tabella inkwetat minħabba raġunijiet ta'sigurta u għaldaqstant is-Sindku kompla jispjega li kellu jqabbad kuntrattur biex jibnu żewġ filati oħra min-naħa ta' wara l-bitħa ta'din ir-residenta.

Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill Kunsill li kienu nxtraw balavostri tal-ġebel biex jinbidlu dawk il-balavostri li ttieklu mal-milja taż-żmien fil-pjazetta fi Triq Santa Marija. Dawn qegħdin fil-garaxx tal-Kunsill u talab stima tax-xogħol ħalli jinbidlu.

Bdil ta' balavostri.

Il-Bank tal-injam li ġie mitlub mir-residenti li jiffrekwentaw il-berġa weħel u tlesta. Is-sindku qal li intogħġob ħhafna u ġie apprezzat min-nies.

Bank tal-injam.

Rigward it-tender tar-resurfacing – billi l-perit fir-rapport tal-aġġudikazzjoni ma' tgħax rakkomandazzjoni ta' liema għandu jintgħazel biex jgħamel ix-xogħol minħabba li għall-istess *items* kien hemm lavarija mhux ħażin bejn kuntrattur u ieħor. Is-sindku qal li ser jara liema huma l-aktar items li jintużaw fix-xogħolijiet meħtieġa li jsiru. B'hekk ikun jista' joħrog aktar ċar liema tender hija l-aħjar li tingħazel ħalli fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss nkunu f''posiżżjoni aħjar ħalli jintagħzel il-kuntrattur.

Tender tar-Resurfacing.

***Korrispondenza***

Is-Sur Mario Muscat kiteb e-mail lill Kunsill fejn qal li sar jaf minn fuq l-internet li f'Ħal Tarxien kienet ser tiġi organizzata *Car Wash.* Is-Sur Muscat saħaq fl-ittra tiegħu li huwa mportanti li meta jsiru dawn l-attivitajiet għandu jiġi żgurat li wara jsir it-tindif kollu meħtieġ.

Korrispondenza.

Is-Sindku kompla l-laqgħa billi nforma lill Kunsill li saret talba min Net Television li ser iniedu programm televiżiv u hemm il-ħsieb li jiffilmjaw f'Ħal Tarxien. Huwa qal li mportanti għax isservi bhala promozzjoni lill lokalita.

Programm Televisiv.

Il-Kunsill kien għadu kemm irċieva fondi li jlaħħqu s-somma ta' €446 għall-użu tal-librerija f'Ħal Tarxien. Minnhom iridu jintefqu €226 f'xogħolijet fl-istess librerija u l-kumplament fuq kotba ġodda.

Fondi ghall-librerija regjonali.

Saret iċ-ċerimonja tal-Ko-finanzjament f'Peackock Gardens ġewwail-belt, fejn il-Kunsill ġie mgħoddi l-fondi tal-ERDF. Għal din iċ-ċerimonja attendew is-Sindku u s-sinjorina Antonella Galea – fejn ingħatajna s-somma ta'€22000, il-kumplament aktar il-quddiem.

Cerimonja f' Peacock Gardens il-Belt. .

Il-Kunsillier Ismael Dalli daħal għal-laqgħa fis-7pm minħabba raġunijiet ta' xogħol.

Attendenza

Is-Sindku qal li l-Kunsill irċevejna diversi lmenti mingħand ir-residenti dwar l-ammont ta' ġrieden li qed jaraw fl-inħawi tar-residenzi tagħhom. Is-Sindku qal li fuq din il-problema kien ilu jaħdem dawn l-aħħar 6 jew 7 snin. Kien hemm suġġeriment li l-Kunsill għandu jibni u jdawwar id-diversi plots mhux mibnija għas-spejjes tiegħu mbgħad il-Kunsill, jigi rifuż l-ammont ta' spejjes involuti mingħand il-MEPA. Is-Sindku qal ukoll li saħansitra rċevejna mingħand id-dipartiment tal-Health fuq din il-problema li donnu fl-aħħar ġranet kibret mhux ħażin. Minħabba dan ġew ukoll mis-sezzjoni tal-Pest Control biex ipoġġu l- valenu u mar personalment miegħu s-segretarju ħalli jiġi żguratli l-

Grieden f' Hal Tarxien.

l-postijiet kollha li kien hemm l-ilmenti dwarhom, sar it-trattament kontra l-ġrieden. Fuq dawn ir-rapporti li hemm numru mhux ħażin minnhom, giet infurmata l-MEPA. Ġie nfurmat ukoll id-dipartiment tal-artijiet –li għandhom jitkbu lis-sid biex jieħu ħsieb inaddaf dawn il-postijiet mill-aktar fis-possibbli u jdawwar l-istess plots b'cint ta' tmien filati.

2 ***Komunikazzjoni mis-sindku.***

***Ħatra ta Seg. Eżekuttiv.***

Billi s-segretarju eżekuttiv Frans Chircop kien ġie magħżul biex jibda jaħdem ta' Seg. Eżekuttiv fil-Kunsill ta' San Pawl il-Baħar u allura ħarġet sejħa għal-segretarju ieħor f'Ħal Tarxien –fil-laqgħa tal-Kunsill preċedent kien inħatar bord tal-għażla. Dan il-bord li ltaqa' it-tnejn 24 ta'Settembru fl-uffiċċju tal-Kunsill għażel lis-Sur Paul Pace bħala l-aħjar kandidat mit-tnejn li applikaw, biex jimla il-post vakanti ta' Seg. Eżekuttiv skont il-kriterji tal-għażla. Għaldaqstant is-Sindku staqsa lill Kunsill jekk hemm'x qbil li nimxu mar-rakkomandazzjoni tal-bord f'dan ir-rigward. Kien hemm qbil unanimu u għandu jiġi mgħarraf id- Direttur tal-Kunsilli Lokali, s-sur Carmel Abela b'dan. Hatra ta' Segretarju Ezekuttiv gdid. .

4/5/6 Il-laqgħa tkompliet billi s-Sindku qal li dwar l-items fuq l-aġenda – numru 4/6/7 – jiġifieri t-tender tal-*Photo Voltaic Panels* ERDF213-2A, kwotazzjoni tas-siġar taż-Żebbuġ ERDF 213-2B u kwotazzjoni tad-DVD ERDF 213-2C għandu jinħatar bord tal-għażla ħalli jgħati r-rakkomandazzjonijet tiegħu. Tenders.

3 ***Skeda tal-ħlasijiet;***

Tkomplkiet il-laqgħa billi tressqet l-iskeda tal-pagamenti. Is-Sindku talab jekk hemmx xi kummenti fuq il-pagamenti fl-iskeda u spjega li kien hemm l-ewwel ħlas tat-triq li tlestiet mit-tarmak u għalhekk l-ammont totali tal-istess skeda kien ammont sostanzjali. Billi ma'kienx hemm l-ebda mistoqsijiet, is-sindku talab għall-approvazzjoni u kien hemm qbil unanimu. Għaldaqstant għadda l-iskeda tal-pagamenti biex tiġi ffirmata mis-segretarju u l-kunsilliera. TLC 007/2012

***Eco Wardens.***

Fuq l-Eco Wardens, is-Sindku qal li kellu diskussjoni sħiħa mas-Sur Maurice Caruana u l-assoċjazzjoni għax insistew li l-Eco Warden ikun bl-unuformi u mhux pajżan. Huwa spjega li baqa' jinsisti li jekk dawn ikunu bl-uniformi, x-xogħol tagħhom ikun ġa nofsu mitluf. Huwa spjega li kien important ferm li jkunu mingħajr uniformi. Green Wardens.

Il-Kunsillier Lawrence Bonavia qal li għandju jsir artiklu fil-fuljett tal-Kunsill biex jiġi spjegat ix-xogħol tal-Eco Wardens. Is-Sindku kompla jgħid li fir-Reġjun Xlokk l-Eo Warden ser ikun bla uniformi u qabel mall-kunsillier Bonavia li għandu jkun hemm aktar għarfien fuq dan is-suġġett. Is-Sindku kompla jgħid li filgħaxija, l-Eco Wardens ser ikunu tnejn minflok wieħed.

Ir-Reġjuni għandhom jiddeċiedu huma stess kemm il-siegħa dawn l-Eco Wardens jiġu mqabbda jaħdmu. Huwa mportanti wkoll li mhux l-istess nies jintbgħatu jaħdmu fl-istess lokalitajiet, anzi mportanti li minn żmien għall-ieħor dawn jinbdilu u ma' jkunux mil-lokal tagħhom.

Is-Sindku Paul Farrugia talab lill Kunsilliera biex jgħarrfu lis-segretarju jekk jaraw xi abbużi ħalli ssir sorveljanza f'dawn l-inħawi. Il-Kunsillier Ismael Dalli kompla jgħid li l-*bring-in-sites* għandhom jiġu sorveljati. Is-sindku qal li kemm ilhom jeżistu l-wardens-kull ma' ġew rapportati kienu biss 12 il-każ ta'abbuż, mir-reġjun kollu. Il-Viċi Sindku Frans Agius qal li f''ċertu nħawi dejjem issib iz-zibel pero hija difficli ferm tara lill minn qed jgħamel ir-rejat. Għalhekk is-Sindku talab jekk xi ħadd jkun jaf b'xi inħawi fejn ikun hemm *pattern* ta' abbuż jiġi rrapportat lis-segretarju jew lis-Sindku stess ħalli tibda issir sorveljanza minn dawn l-Eco Wardens.

***Żwieġ f'Ħal Tarxien.***

Zwieg fil-Kunsill.

Il-laqgħa tkompliet billi s-Sindku Paul Farrugia spjega kif kellu talba min koppja li xtaqu jiżżewġu fil-Kunsill ta' Ħal Tarxien. Dawn huma koppja Kanadiża. Huwa qal ukoll li bħala Sindku f'Ħal Tarxien kien ġa żewweġ koppja oħra.

8 **Rapport tal-Kunsilliera.**

Rapporti tal-Kunsilliera.

**Frans Agius**. Il-Viċi Sindku Frans Agius beda billi ta' spjegazzjoni tal-attivita msejħa Mużika Letterarja li qal li ntlaqgħet tajjeb ħafna min-nies. Huwa kompla jgħid li bħalissa għaddej b'kuntatti biex isiru korsijiet tal-bizzilla u ganutel, beading u parċmina. Kull persuna tħallas madwar €40 għal dawn il-lezzjonijiet.

Rigward il-korsijiet tal-Ingliż u somom fl-iskema mnedija tal-Lifelong Learning, mhux ser isiru minħabba li ma' applikawx biżżejjed nies minn Ħal Tarxien. Infatti, dawk il-ftit li applikaw qed jiġu kkuntattjati mid-dipartiment tal-edukazzjoni biex jingħaqdu mal-gruppi fil-Fgura. Rigward il-korsijiet tal-kompjuter – ser jibdew għal Jannar li ġew, bħas-soltu. Fuq dan għanda ssir laqgħa mad-direttur tat-TCTC.

Hawnhekk is-Sindku Paul Farrugia staqsa jekk hux minnu li l-module 2 u module 7 tal-ECDL hux rikonoxxut wara li diversi nies kellmuh li l-iskola ta' Ħal Tarxien qalu lil-xi ġenituri tal-istudenti li jridu jerġgħu jgħamlu l-eżamijiet taggħom. Wara li kien hemm diskussjoni qasira fuq dan is-suġġett kien hemm il-qbil li għandu jsir aktar stħarriġ f'dan ir-rigward għaliex l-ECDL suppost huwa rikonoxxut mal-Ewropa kollha.

**Keith Darmanin.** Il-Kunsillier Darmanin ta' spjegazzjoni fuq l-attivita tal-Premju Żgħazugħ Tarxiniz 2013. Huwa qal li ġew stabbiliti l-ġranet ta' meta għandhom jiġu mitfugħa n-nominazzjonijiet tal-għaqdiet u f'dan ir-rigward intbgħatu l-applikazzjonijiet flimkien mar-regolamenti lill għaqdiet kollha.

L-attivita tal-għoti tal-Premju Żgħażugħ Tarxiniż 2013 ser issir il-Ġimgħa 30 ta' Novembru 2012 fl-uffiċċju tal-Kunsill stess. Il-Kunsillier Keith Darmanin kompla jgħid li l-għaqdiet intalbu wkoll biex jgħażlu wieħed mill-għaqda taggħom ħalli jifforma parti mill-bord tal-għażla f'din l-attivita. In-nomini tal-applikazzjonijiet għandhom ikunu mpustati fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali sa mhux aktar tard min nofsinhar tal-Ġimgħa 9 ta' Novembru 2012.

**Lawrence Bonavia.** Il-Kunsillier Lawrence Bonavia spjega li kien għadu kif gie nfurmat li bħas-snin preċedent ser jerġa' jingħataw injezzjonijiet b'xejn konta l-influwenza. Għaldaqstant min-naħa tiegħu qed jistenna risposta ħalli kif appena jaslu Malta dawn l-injezzjonijiet joħroġ l-avviżi għat-tqassim taggħom fil-Health Centres.

**Ismael Dalli.** Il-Kunsillier Ismael Dalli attenda seminar tal-Wasteserve fl-14 ta' Settembru. Huwa kompla jgħid li l-attivita tar-riċiklaħħ tat-tessuti li kienet saret quddiem il-bini tal-Kunsill ta' Ħal Tarxien kienet suċċess u hemm il-ħsieb li terġa ssir. Huwa qal li jixtieq iniedi kampanja ffukata fuq l-iskejjet biex l-istudenti jkunu mgħarrfa u nfurmati sew fuq din l-attivita b'hekk fl-istess ħin jitgħallmu jirriċiklaw l-affarijiet u japprezzaw aktar.

**Doris Vella.** Il-Kunsilliera Doris Vella qalet li kienet iddiżappuntata li l-messaġġ li kitbet fil-fuljett ma' deherx kollu. Hija qalet li r-ritratti li bgħatet ma' ġewx stampati fil-fuljett. Hawnhekk is-Sindku spjega li kien ġara li l-email bl-artiklu flimkien mar-ritratti kienu ntbgħatu fuq email ta' skrivana u meta din l-istess email għaddiet fil-folder mal-artiklu għall-pubblikazzjoni, dawn l-istess ritratti ma' għaddewx magħom. Għaldaqstant ġara li l-artiklu deher kif kien miktub mingħajr dawn l-imsemmija ritratti. Il-Kunsilliera Doris Vella kompliet tgħid ukoll li hija kellha laqgħa mas-sotto kumitat li flimkien għal dan ix-xahar li ġej ser jorganizza ħarġa oħra f'restaurant ġewwa r-Rabat nhar il- 25 t' Ottubru 2012.

**Claudine Lanzon** – Xejn.

**Paul Farrugia**. Is-Sindku qal li dan ix-xahar ser jorganizza ħarġa ghall-anzjani fis-16 ta' Ottubru , ġewwa l-Vivaldi Restaurant.

Il-laqgha spiċċat fis- 8.30 u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 30 ta' Ottubru 2012 fil-5.30pm.

Gheluq u aggornament.

**Kav. P. Farrugia KLJ CMLJ**
**Kav u Sindku**

**Frans Chircop** LIMIS,MBA,MPHIL
**A/ Segretarju**